# MILIED

*Ta'* C. Cassar

Hena ma' kullimkien, uċuh ferħana
    Tiżjin ta' Ħwien, u xniexel imdendlin.
Iferfru l-qlub fost ħelu kant ta' għana.
    Difa ta' arja taħt is-sema nir,
Kwiekeb iteptpu bħal għajnejn ċkejknin,
    Tpespis fil-ġonna seħer u titjir.
Ilħna jinstemgħu donnhom qtar ta' xita
    Nieżla ġo qlubna ma nafux minnejn.
Tistrieħ ir-ruħ u ssir aktar b'saħħitha.
    L-anġli neżlin mis-sema fost id-dija
L-aħbar ixerrdu ma' l-erbat irjieħ
    Aħbar ta' ferħ, ta' paċi u tħennija.
M'hemmx nisel u ieħor, irġiel u tfal.
    Kulħadd jistenna nofs il-lejl idoqq
Sabiex jitwettaq kull ma kien intqal.
    Fil-knejjes kollha l-qniepen għalenija
Jinfexxu f'mota tidwi sa kull rokna;
    Taqbeż bil-ferħ il-ġemgħa bħal tarbija.
Il-ġnus iwaqqfu l-ġlied, għax f'dak il-ħin
    Tinfirex ħemda ta' serħan fil-qlub
Xħin jitwieled mill-ġdid Ġesù Bambin.